Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Numru. 555/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**vs**

**Michael Zahra**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Michael Zahra ta' 33 sena, iben Alfred u Mary nee' Spiteri mwieled Pieta' nhar 22 ta' Settembru 1971 u residenti Door 1 Flat 6 Triq il-Kavalier, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 440071(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

a) Nhar is-26 ta' Awwissu 2005 wara nofs in-nhar f' tal-Pieta', ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni FBP

023, liema serq huwa kwalifikat, bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Mariella Dalli mill-Fgura ;

b) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ vettura ta’ ghamla Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni FBP 023, liema hsara taccedi Lm50 (hamsin lira maltin) u li sar ghad-detriment ta’ Mariella Dalli mill-Fgura ;

c) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom ;

d) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta’ artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lill-Michael Zahra wahdu :

e) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi talli kiser provediment ta’ Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-14 ta’ Ottubru 2004 f’liema sentenza kien gie misjub hati u liberat that kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett(3) snin.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ April 2009 (esebit a fol. 38 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta’ Marzu 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-3 ta’ Frar, 2011 ghall-akkuzi ‘a’,‘b’,‘d’,‘e’ migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi mmarkati bhala a,b,d u e. Peress li l-akkuza mmarkata bhala b kien mezz ghal fin ital-akkzua mmarkata bhala a ser jigi applikat l-Artikolu 17h tal-Kodici Kriminali. Peress li l-akkuza mmarkata bhala c inghatat bhala alternattiva ghall-akkuza mmarkata bhala a u taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza mmarkata bhala c.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 271, 281, 325, 17, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 26 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi mmarkati bhala ‘a’, ‘b’, ‘d’ u ‘e’ migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah disa’(9) xhur prigunerija b ‘effett millum. Stante li l-akkuza mmarkata bhala ‘c’ inghatat bhala alternattiva ghall-akkuza mmarkata bhala ‘a’, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------